MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 252/2008

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Dr Francesco Depasquale**
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Avviz 252/2008 FDP**
**Fl-ismijiet:**

**Joseph Buttigieg u Carmel sive Lino Farrugia fil-kwalita' taghhom bhala President u Segretarju rispettivament tal-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti**

**vs**

**Noel Azzopardi u Noel Grima**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mir-rikorrenti fis-6 ta' Frar 2008 fejn huma talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati ihallsu lill-atturi noe dik is-somma li tigi stabbilita minn dina l-Qorti a tenur sia ta’ l-artikolu 29 u kif ukoll ta’ l-artikolu 28 tal-Kap 248, u dana previa d-dikjarazzjoni li l-istqarrija ossija l-artikolu u b'mod partikolari t-titolu tieghu kif riportati fil-gazzetta 'The Malta Independent on Sunday' datata 16 ta' Dicembru 2007 kienu foloz u malafamanti fil-konfront ta’ l-atturi noe u kienu jikkontjenu allegazzjonijiet foloz fil-konfront ta’ l-atturi b'mod li attribewlhom fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur, r-reputazzjoni u l-fama taghhom u li jesponuhom ghar-ridikolu u ghad-disprezz pubbliku.

Bl-ispejjez u interesi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimati li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ipprezentata mill-intimati datata 11 ta' Awissu 2008 fejn laqghu ghat-talbiet rikorrenti billi eccepew:-

1. Illi, preliminarjament, fir-rigward ta' l-intimat Noel Azzopardi, dan ma kellux jigi citat stante li huwa l-Managing Director tal-kumpanija Standard Publications Ltd u mhux tal-imsemmija gazzetta. Di piu, l-ligi ta' l-istampa tipprovdi biss li l-persuni responsabbli minn pubblikazzjonijiet huma l-awtur, l-editur u persuni responsabbli ghall-pubblikazzjonijiet. L-intimat Azzopardi ma ghandux x'jaqsam mal-pubblikazzjonijiet fil-gazzetta imsemmija u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2. Illi, fir-rigward ta' l-intimat Noel Grima bhala editur tal-gazzetta de quo, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi r-rappurtagg huwa rappurtagg fidil u korrett fejn gie rrapportat l-fatt li r-rikorrenti rebhu l-libell li pprezentaw kontra l-gurnalista Julia Farrugia u spjega dwar il-fatti li wasslu lir-rikorrenti sabiex jipprocedu bil-libell liema fatti johorgu mis-sentenza msemmija;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-artikolu ippubblikat fil-harga ta' The Malta Independent on Sunday tas-16 ta' Dicembru 2007 intitolat "Beaten up at hunters' march - Julia Farrugia loses libel case to hunters' representatives'.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 10 ta' Dicembru 2007 u tal-Qorti tal-Appell datata 9 ta' Jannar 2009 lkoll fl-ismijiet tar-rikorrenti kontra Julia Farrugia u t-tahrika tal-Pulizija kontra David Briffa mahruga fil-21 ta' Mejju 2007 u deciza a favur ta'l-akkuzat fit 22 ta' Lulju 2008.

Rat ix-xhieda viva voce ta' **Joseph Buttigieg**, datata 2 ta' Marzu 2009, bhala President tal-Ghaqda FKNK, fejn stqarr illi huwa hassu malafamat bit-titolu ta' l-artikolu wara illi huwa kien rebah l-libell kontra Julia Farrugia, li kienet allegat li ufficjali ta' l-ghaqda kienu heddew lill Julia Farrugia jew membri ohra tal-press. Huwa stqarr illi wara li gie ppubblikat l-artikolu, huwa gie avvicinat minn diversi membri li staqsewh dwar x'kien gara peress illi huma kienu taht l-impressjoni illi l-libell kien intrebah. Mistoqsi dwar l-artikolu, huwa stqarr illi bhala artikolu dak huwa korrett u rrapporta l-kaz korrettement. Huwa stqarr ukoll illi t-tieni parti tat-titolu huwa korrett ukoll peress illi attwalment Julia Farrugia tilfet l-libell. L-ilment tieghu kien dovut ghal fatt illi hu, bhala kaccatur u bhala President ta' l-Ghaqda FKNK hassu malafamat bit-titolu illi ta l-impressjoni li Julia Farrugia giet imsawta waqt il-marc tal-kaccaturi, meta dana ma kienx minnu.

Rat ix-xhieda ta' **Carmel sive Lino Farrugia**, datata 2 ta' Marzu 2009, bhala Segretarju tal-Ghaqda FKNK, fejn stqarr illi huwa hassu malafamat bl-artikolu peress illi gie allegat li kien hemm kwistjoni ta' swat fil-konfront ta' Julia Farrugia fejn dana qatt ma kien gie allegat qabel. Huwa stqarr illi l-membri tal-Ghaqda ma setghux jifhmu x'gara wara illi raw l-artikolu meritu tal-kaz odjern. Zied jghid illi, ghalkemm ma kienx jghid x'jghid l-artikolu ta' Julia Farrugia illi hija eventwalment instabet hatja ta' libell, huwa accetta illi l-heading ta' l-artikolu kien korrett fit-tieni parti tieghu u l-unika parti illi huwa inkorrett kien l-ewwel

parti tat-titolu. Huwa stqarr ukoll illi, minkejja li ma jissemmiex fl-artikolu, huwa jhossu malafamat bit-titolu peress illi huwa kaccatur u segretarju tal-Ghaqda FKNK u kien prezenti ghal-marc ma shabu u ghalhekk ihoss illi t-titolu qieghed jindirizza lilu.

Rat illi fit-2 ta' Marzu 2009, r-rikorrenti iddikjaraw illi l-provi taghhom huma maghluqa

Rat ix-xhieda ta' **Noel Grima** moghtija fis-16 ta' Marzu 2010 fejn ikkonferma illi huwa l-Editur tal-gazzetta The Malta Independent on Sunday filwaqt illi Noel Azzopardi huwa l-Managing Director tas-socjeta Standard Pubblications illi tippublika l-gazzetta. Huwa kkonferma illi l-artikolu kitbu hu u l-artikolu huwa rapportagg fidil tas-sentenza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta' Jannar 2009. Huwa stqarr illi t-titolu jghid, a differenza ta' dak li qed jallegaw r-rikorrenti, illi mhux biss Julia Farrugia ma gietx imsawwta, izda talli anke tilfet il-kawza ta' libell. Huwa stqarr illi fl-artikolu huwa ghamel access ghall-fatti u hareg l-ironija tal-fatt illi Julia Farrugia ghamlet allegazzjoni illi mbaghad naqqset milli ggib il-provi ghalihom.

Rat illi fis-16 ta' Marzu 2010 l-intimat iddikjara illi l-provi tieghu huma maghluqa.

Rat illi fl-4 ta' Lulju 2011 il-kawza giet differita ghas-sentenza wara illi l-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Fatti**

Jirrizulta illi r-rikorrenti kienu fethu kawza ta' libel fil-konfront ta' Julia Farrugia wara illi gie rrapportat illi "Ufficjal tal-FKNK jheddu lill-membri tal-istampa" mill-istess Farrugia, liema rapportagg kien gie dikjarat libelluz fil-konfront ta' Farrugia peress illi irrizulta lill-Qorti li r-rikorrenti kienu attwalment marru fuq il-post wara illi kien hemm gia l-argument ghaddej u huma marru biex jaraw x'attwalment gara, u dana abbazi tal-provi tar-rikorrenti

stess peress illi Farrugia ma gabitx provi peress illi lanqas biss xehdet hija stess. Jirrizulta illi din is-sentenza gie ikkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell.

Jirrizulta illi fis-16 ta' Dicembru 2007, fuq il-gazzetta 'The Malta Independent On Sunday' giet irrappurtata l-ezitu ta' dina l-kawza u gie rappurtat li, peress illi Julia Farrugia naqqset milli tressaq ix-xhieda taghha, l-allegazzjoni li kienet ghamlet Julia Farrugia illi kienet giet imsawwta ma kienetx giet ippruvata u ghalhekk l-allegazzjonijiet minnha maghmulha fl-artikolu fejn qalet li kienet giet imsawwta kienu infondati u libelluz fil-konfront tar-rikorrenti.

Jirrizulta illi, kif stqarrew r-rikorrenti stess, il-kontenut ta’ l-artikolu meritu tal-kaz odjern kien tajjeb u kien hemm rapportagg korrett ta' dak kollu illi qalet il-Qorti. Ir-rikorrenti, madanakollu, stqarrew illi hassew ruhhom malafamati peress illi t-titolu jibda jghid "Beaten up at hunters' march" u l-membri taghhom, wara illi raw tali titolu, avvicinawhom biex jifhmu x'kien attwalment gara mil-kawza ta' libell meta huma kienu gew infurmati li dan kien intrebah.

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrenti stqarrew illi, filwaqt li jifhmu li huma ma jissemmewx fit-titolu u jissemmew biss fil-korp ta’ l-artikolu fejn jintqal illi huma kienu ghamlu il-kawza ta' libell li kienu rebhu fil-konfront ta' Julia Farrugia, huma hassew illi t-titolu kien indirizzat lilhom peress illi huma kaccaturi kif ukoll ufficjali tal-Ghaqda FKNK.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza odjerna kienet ikkawzata bhala rizultat tat-titolu illi deher fl-artikolu fuq indikat. Ir-rikorrenti jikkontendu illi, ghalkemm il-kontenut ta’ l-artikolu kien kollu korrett, l-ewwel nofs tat-titolu kien malafamanti fil-konfront taghhom, peress illi ma kienx korrett. Apparti minn hekk, jidher illi l-kawza kienet instigata mill-fatt illi membri ta’ l-Ghaqda, wara illi qraw it-titolu, ma fehmux jekk attwalment kienx gie deciz il-libel favur ta’ l-ufficjali tal-Ghaqda.

Illi ebda referenza mas-ssir lir-rikorrenti fit-titolu inkriminanti filwaqt illi fl-artikolu inniffsu jinghad illi r-rikorrenti attwalment rebhu il-kawza illi huma kienu ghamlu fil-konfront ta' Julia Farrugia. Madanakollu, r-rikorrenti jishqu illi t-titolu ta' l-artikolu kien indirizzat fil-konfront taghhom peress illi huma kaccaturi u ufficjali tal-FKNK kif ukoll huma kienu prezenti dakinhar fil-marc tal-FKNK fejn kienet inqalghet il-kwistjoni li wasslet ghall-kawza ta' libell kontra Julia Farrugia.

**Ikkunsidrat**

Illi d-difiza mressqa mill-intimati kienu tnejn.

L-ewwel difiza kienet dik li tirrigwarda l-fatt illi Noel Azzopardi kien il-Managing Director tas-socjeta Standard Publications Ltd li tippubblika, fost affarjiet ohra, il-gazzetta The Malta Independent on Sunday, u ghalhekk ma jinkwadrawx f'wiehed mit-tlett persuni li kontrihom tista ssir kawza.

L-artikolu relevanti f'dan il-kaz, huwa l-artikolu 23 tal-Kap 248 illi jipprovdi dan li gej:-

*L-azzjoni kriminali għal xi reat taħt it-Taqsima II u l-azzjoni ċivili taħt it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin:*

*(a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tiġi ppubblikata, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk;*
*(b) l-editur; jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati,*
*(c) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.*

Issa, fil-kaz odjern, huwa car illi l-intimat Noel Azzopardi ma jinkwadrax f'ebda mit-tlett persuni ikkontemplati fl-artikolu fuq kwotat, u ghalhekk certament qatt ma setghet tittiehed l-azzjoni odjerna

It-tieni difiza imressaq mill-intimati kienet dwar l-intimati Noel Grima, fejn intqal illi dak minnu miktub huwa rappurtagg fidil u korrett tad-decizjoni tal-Qorti, fejn huwa rrapporta l-fatt li r-rikorrenti rebhu l-libell u spjega il-fatti li wasslu biex gie imniedi l-libell originarjament.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax, l-ewwel u qabel kollox, illi r-rikorrenti stess ikkonfermaw illi l-artikolu per se kien korrett u ma kellhom xejn x'jghidu dwaru peress illi kien rappurtagg korrett ta' dak li intqal fis-sentenza.

Il-Qorti ma tistax, ukoll, ma tinnutax illi l-argument tar-rikorrenti illi t-titolu ta’ l-artikolu kien indirizzat lilhom peress illi huwa kienu kaccaturi u membri tal-FKNK huwa wiehed li ma jregix. Dana huwa minnu peress illi l-fatt illi huma kaccaturi u huma ufficjali tal-Ghaqda FKNK ma jfissirx illi, allura, kull haga illi tintqal dwar kaccaturi hija indirizzata lejhom. Dana huwa argument fallaci peress illi, fis-socjeta demokratika ta' llum, kullhadd ghandu dritt illi jesprimi l-veduti tieghu liberament u huwa inaccettabbli li wiehed jasal ghal konkluzjoni li artikolu huwa indirizzat lejhom meta l-parti tat-titolu malafamanti ma jghidx illi allegatament Farrugia kienet imsawwta mir-rikorrenti, izda jinghad illi huwa giet imsawwta waqt marc tal-kaccaturi.

Apparti minn hekk, filwaqt illi t-titolu huwa dak li hu, l-artikolu taht l-istess titolu bl-aktar mod car u inekwivoku juri illi attwalment ir-rikorrenti rebhu il-kawza ta' libell taghhom u dana peress illi huma biss resqu l-provi. L-argument illi l-membri taghhom ma setghux jifhmu x'gara meta qraw it-titolu ta’ l-artikolu ma huwiex wiehed viabbli u huwa ta' disprezz lejn il-membri taghhom stess, peress illi qari semplici ta’ l-artikolu, illi certament il-membri kollha tal-FKNK, bhal kull qarrej normali, huma kapaci jaghmlu, seta juri bic-car illi l-libell attwalment kien intrebah mir-rapprezentanti taghhom.

Fis-socjeta ta' llum, huwa importanti illi jinzamm bilanc bejn id-dritt tal-liberta' tal-espressjoni u d-dritt illi r-reputazzjoni ta’ l-individwu tigi protetta. Dana gie kkonfermat minn miriadi ta' sentenzi tal-Qrati Maltin u Ewropej. Madanakollu, id-dritt tal-liberta' tal-espressjoni

ma jfissirx biss illi wiehed jista jghid li jrid, izda jinkludi ukoll id-dritt illi jaghmel il-kummenti tieghi, anke, kif jghid l-ingliz "tongue in cheek".

Illi huwa car illi fil-kaz odjern, id-dicitura tat-titolu ma kienx indirizzat lejn ir-rikorrenti, kif huma hassew li kien, izda kien indirizzat lil Julia Farrugia, peress illi kemm mit-titolu kif ukoll mill-kontenut tal-artikolu, kien car li l-kittieb, ossija l-intimat Grima, kien qieghed jikkummenta dwar il-fatt li, ghalkemm Julia Farrugia kienet allegat illi giet imsawwta waqt il-marc tal-kaccaturi, hija tilfet il-libell taghha peress illi lanqas kienet kapaci illi tipprezenta l-provi taghha in sostenn ta’ l-allegazzjonijiet taghha.

Illi huwa car illi dik kienet l-intenzjoni ta’ l-intimat Grima meta huwa kiteb l-artikolu u rrediga t-titolu tieghu, u l-qarrej normali, wara illi jara t-titolu u jaqra il-kontenut tal-artikolu, certament jasal ghal tali konkluzjoni wkoll.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat il-provi prodotti u semghet ix-xhieda tal-partijiet,

Wara illi rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna;

Tghaddi biex tiddeciedi l-kaz billi;

Tilqa l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimati u;

Tichad it-talbiet attrici;

L-ispejjez kollha tal kaz ikunu a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------